**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
**B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,**
**M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Kylie Spiteri Kelly**

**Illum 12 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kylie Spiteri Kelly, detentur tal-karta tal-identita' 124696(M);

Akkuzata talli fix-xahar ta' April 2020 u/jew xhurta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ghad-detriment ta' Nigel Foster u/jew persuni ohra, u/jew kumpanija/i ohra, u dan l-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ghamlet xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-subtitolu (Subtitolu III, Fuq il-Frodi) ghad-detriment ta' Nigel Foster u/jew persuni ohra, u/jew kumpanija/i ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputata bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta hija kienet giet misjuba hatja u kkundannata ghal reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mic-certifikat tat twelid, fedina penali, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat, stqarrija u 'email' immarkata bhala Dok1.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputata fis-seduta datata 12 ta' Frar, 2021.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-12 ta' Frar, 2021.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-fedina penali u l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputata, u ghalhekk il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed zmien sabiex tisma' iktar provi.

**Decide:**

Il-Qorti, ghalhekk, fuq ammissjoni tal-imputata Kylie Spiteri Kelly u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill- imputata Kylie Spiteri Kelly hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi timponi fuq il-hatja ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-hatja jkollha taffaccja fil-kaz li hija tonqos milli twettaq din l-ordni skont kif ordnat lilha.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur 'Probation and Parole'.

Il-Qorti qed tibghat l-atti flimkien ma' din is-sentenza lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**